

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Speċjali *
31 ta' Jannar 2007

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

| | | |
|--------|--|----|
| Werrej | II Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja | |
| | DEĊIŻJONIJIET | |
| | Bank Ċentrali Ewropew | |
| | 2007/42/KE: | |
| | ★ Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2006/21) | 1 |
| | 2007/43/KE: | |
| | ★ Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti (BĊE/2006/22) | 3 |
| | 2007/44/KE: | |
| | ★ Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' l-ishma kapitali tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas (BĊE/2006/23) | 5 |
| | 2007/45/KE: | |
| | ★ Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-kontribuzzjoni lill-Bank Ċentrali Ewropew tal-valur propjetarju akkumulat u għall-aġġustament tal-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali ekwivalenti għall-assi tar-riżervi barranin ittrasferiti (BĊE/2006/24) | 9 |
| | 2007/46/KE: | |
| | ★ Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2001/15 dwar il-ħruġ ta' karti ta' flus euro (BĊE/2006/25) | 13 |
| | 2007/47/KE: | |
| | ★ Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali mhux parteċipanti (BĊE/2006/26) | 15 |

- ★ Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' Diċembru 2006 dwar il-ħlas mill-Banka Slovenije tal-kapital, it-trasferiment ta' assi barranin ta' riżerva u l-kontribuzzjoni għar-riżervi u l-provvedimenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2006/30) 17



II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻIONIJET

BANK ĊENTRALI EWROPEW

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-15 ta' Diċembru 2006

dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew

(BĊE/2006/21)

(2007/42/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 29.4 u l-Artikolu 49.3,

Wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) skond ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 47.2 ta' l-Istatut,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni BĊE/2004/5 tat- 22 t'April 2004, dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾ stabbilixxiet b' effett mill- 1 ta' Mejju 2004, l-ippeżar assenjat lil dawk il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) li kienu membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) fl- 1 ta' Mejju 2004, fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE (minn issa "l quddiem l-ippeżar ta' l-iskema kapitali" u l-iskema kapitali' rispettivament).
- (2) Minħabba s-sħubija tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea u minħabba li l-BĊNi rispettivi tagħhom se jissieħbu fis-SEBĊ fl- 1 ta' Jannar 2007, il-kapital sottoskritt tal-BĊEs għandu jiżjed awtomatikament skond l-Artikolu 49.3 ta' l-Istatut. Din iż-żieda teħtieġ il-kalkulazzjoni ta' l-ippeżar ta' l-iskema kapitali ta' kull BĊN li se jkun membru tas-SEBĊ fl- 1 ta' Jannar 2007, b'analoġija ma' l-Artikolu 29.1 u b'konformita ma' l-Artikolu 29.2 ta' l-Istatut. L-iskema kapitali mkabbra tal-BĊE u kull ippeżar ta' l-iskema

kapitali tal-BĊN se japplika b'effett mill- 1 ta' Jannar 2007. Id-Deċiżjoni BĊE/2004/5 għandha għalhekk tiġi rrevokata u sostitwita b'deċiżjoni ġdida li tirrifletti l-pożizzjoni aġġornata.

- (3) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/517/KE tal- 15 ta' Lulju 2003 dwar id-data statistika biex tintuża għall-aġġustament ta' l-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾, il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet lill-BĊE b'data statistika biex tintuża fid-determinazzjoni ta' l-iskema kapitali mkabbra.
- (4) Minħabba l-Artikoli 3.5 u 6.6 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew, u minħabba l-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali lil din id-Deċiżjoni, il-Gvernaturi tal-Bulgarian National Bank u tal-Banca Națională a României kellhom l-opportunita biex jissottomettu osservazzjonijiet dwar din id-Deċiżjoni qabel l-adozzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Tqarrib

Fejn il-Kummissjoni Ewropea tipprovidi data statistika rriveduta biex tintuża fl-iskema kapitali mkabbra u t-total tal-figuri ma jlaħħaqx 100 %, id-differenza għandha tkun ikkumpensata kif ġej: (i) jekk it-total ikun anqas minn 100 %, billi jiżjed 0,0001

⁽¹⁾ ĠU L 205, 9.6.2004, p. 5.

⁽²⁾ ĠU L 181, 19.7.2003, p. 43.

ta' punt peċentwali ma' l-iżgħar sehem (ishma) f'ordni axxendenti sakemm jintlaħaq il-100 % eżatti, jew (ii) jekk it-total ikun iżjed minn 100 %, billi jitnaqqas 0,0001 ta' punt peċentwali f'ordni dixxendenti mill-akbar sehem (ishma) sakemm jintlaħaq il-100 % eżatti.

Artikolu 2

Ippeżar ta' l-iskema kapitali

L-ippeżar assenjat lil kull BĊN fl-iskema kapitali deskritta fl-Artikolu 29 ta' l-Istatut għandu jkun kif ġej b'effett mill- 1 ta' Jannar 2007:

| | |
|--|-----------|
| — Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 2,4708 % |
| — Bulgarian National Bank | 0,8833 % |
| — Česká národní banka | 1,3880 % |
| — Danmarks Nationalbank | 1,5138 % |
| — Deutsche Bundesbank | 20,5211 % |
| — Eesti Pank | 0,1703 % |
| — Bank of Greece | 1,8168 % |
| — Banco de España | 7,5498 % |
| — Banque de France | 14,3875 % |
| — Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 0,8885 % |
| — Banca d'Italia | 12,5297 % |
| — Central Bank of Cyprus | 0,1249 % |
| — Latvijas Banka | 0,2813 % |
| — Lietuvos bankas | 0,4178 % |
| — Banque centrale du Luxembourg | 0,1575 % |
| — Magyar Nemzeti Bank | 1,3141 % |

| | |
|---------------------------------|-----------|
| — Bank Ċentrali ta' Malta | 0,0622 % |
| — De Nederlandsche Bank | 3,8937 % |
| — Oesterreichische Nationalbank | 2,0159 % |
| — Narodowy Bank Polski | 4,8748 % |
| — Banco de Portugal | 1,7137 % |
| — Banca Națională a României | 2,5188 % |
| — Banka Slovenije | 0,3194 % |
| — Národná banka Slovenska | 0,6765 % |
| — Suomen Pankki | 1,2448 % |
| — Sveriges riksbank | 2,3313 % |
| — Bank of England | 13,9337 % |

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet finali

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl- 1 ta' Jannar 2007.
2. Din id-Deċiżjoni BĊE/2004/5 qed tiġi hawnhekk irrevokata b'effett mill- 1 ta' Jannar 2007.
3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni BĊE/2004/5 għandhom jiġu interpretati bħala referenzi magħmulin għal din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Frankfurt am Main, il- 15 ta' Diċembru 2006.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-15 ta' Diċembru 2006

li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti

(BĊE/2006/22)

(2007/43/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 28.3,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni BĊE/2004/6 tat-22 ta' April 2004, li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti⁽¹⁾ ddeterminat kif u safejn il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' l-Istati Membri li adottaw l-euro (minn issa 'l quddiem "il-BĊNi parteċipanti") kellhom l-obbligu li jħallsu l-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fl-1 ta' Mejju 2004.
- (2) Minħabba s-sħubija tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea u minħabba li l-BĊNi rispettivi tagħhom se jissiehu fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Jannar 2007, id-Deċiżjoni BĊE/2006/21 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew⁽²⁾ tistabbilixxi b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, l-ippeżar il-ġdid assenjat lil kull BĊN li se jkun membru tas-SEBĊ fl-1 ta' Jannar 2007, fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital imkabbar tal-BĊE (minn issa 'l quddiem l-"ippeżar ta' l-iskema kapitali" u l-"iskema kapitali" rispettivament).
- (3) Il-kapital sottoskritt tal-BĊE se jkun EUR 5 760 652 402,58 b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.
- (4) L-iskema kapitali mkabbra teħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-BĊE li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2004/6 b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, u li tiddetermina kif u safejn il-BĊNi parteċipanti huma obbligati biex iħallsu l-kapital tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.
- (5) Skond l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/KE tal-11 ta' Lulju 2006, skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovenja tal-valuta waħda fl-1 ta' Jannar 2007⁽³⁾, id-deroga favur is-Slovenja msemmiha fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003⁽⁴⁾ hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

(1) ĠU L 205, 9.6.2004, p. 7.

(2) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(3) ĠU L 195, 15.7.2006, p. 25.

(4) ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.

- (6) Skond id-Deċiżjoni BĊE/2006/30 tat-30 ta' Diċembru 2006 tal-ħlas tal-kapital tal-Banka Slovenije, it-trasferiment ta' l-assi barranin tar-riżerva u l-kontribuzzjoni għar-riżervi u l-qagħdiet tal-Bank Ċentrali Ewropew⁽⁵⁾ il-Banka Slovenije huwa obligat iħallas il-kumpliment tas-sehem tiegħu tas-sottoskrizzjoni tiegħu fil-kapital tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, wara li jqis l-iskema kapitali mkabbra,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Daqs u forma tal-kapital imħallas

Kull BĊN parteċipanti għandu jħallas is-sottoskrizzjoni tiegħu għall-kapital tal-BĊE kollha kemm hi b'effett mill-1 ta' Jannar 2007. Wara li jitqies l-ippeżar ta' l-iskema kapitali deskritt fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/21 kull BĊN parteċipanti għandu jħallas b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, l-ammont muri ħdejn ismu fit-tabella li ġejja:

| BĊN parteċipanti | (EUR) |
|--|------------------|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 142 334 199,56 |
| Deutsche Bundesbank | 1 182 149 240,19 |
| Bank of Greece | 104 659 532,85 |
| Banco de España | 434 917 735,09 |
| Banque de France | 828 813 864,42 |
| Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 51 183 396,60 |
| Banca d'Italia | 721 792 464,09 |
| Banque centrale du Luxembourg | 9 073 027,53 |
| De Nederlandsche Bank | 224 302 522,60 |
| Oesterreichische Nationalbank | 116 128 991,78 |
| Banco de Portugal | 98 720 300,22 |
| Banka Slovenije | 18 399 523,77 |
| Suomen Pankki | 71 708 601,11 |

(5) Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2***Aġġustament tal-kapital imħallas**

1. Minħabba li kull BĊN parteċipanti, bl-eċċezzjoni tal-Banka Slovenije, diġà ħallas is-sehem sħiħ tiegħu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2006, skond id-Deċiżjoni BĊE/2004/6, kull wieħed minnhom, bl-eċċezzjoni tal-Banka Slovenije, għandu jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew jirċievi ammont lura mill-BĊE, kif jixraq, sabiex jasal għall-ammonti murija fit-tabella fl-Artikolu 1. Il-ħlas tal-kapital mill-Banka Slovenije huwa rregolat bid-Deċiżjoni BĊE/2006/30.

2. It-trasferimenti kollha skond dan l-Artikolu għandhom ikunu magħmula skond id-Deċiżjoni BĊE/2006/23 tal-15 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' l-ishma kapitali tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas ⁽¹⁾.

*Artikolu 3***Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.
2. Id-Deċiżjoni BĊE/2004/6 qed tiġi hawnhekk abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.
3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni BĊE/2004/6 għandhom jiġu interpretati bħala referenzi magħmulin għal din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Frankfurt am Main, il-15 ta' Diċembru 2006.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ Ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-15 ta' Diċembru 2006

li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' l-ishma kapitali tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas

(BĊE/2006/23)

(2007/44/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 28.5,

kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali mhux parteċipanti⁽⁴⁾ tiddetermina l-persentaġġ li l-BĊNi ta' l-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-euro fl-1 ta' Jannar 2007 (minn issa 'l quddiem il-"BĊNi mhux parteċipanti") huma obbligati jħallsu b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, minħabba l-iskema kapitali mkabbra.

Billi:

- (1) L-aġġustament ta' l-ippeżar assenjat lill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) fl-iskema kapitali għas-sottoskrizzjoni fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (iktar "il quddiem 'l-ippeżar ta' l-iskema kapitali" u l- "iskema kapitali rispettivament") kif ipprovdut fid-Deċiżjoni BĊE/2006/21 tal-15 ta' Diċembru 2006 fuq l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni fil-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew⁽¹⁾ jeħtieġ li l-Kunsill Governattiv jiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' ishma kapitali bejn il-BĊNi li huma membri tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali fil-31 ta' Diċembru 2006 biex ikun żgurat li t-tqassim ta' dawn l-ishma jikkorrespondi ma' l-aġġustamenti magħmulin. Għalhekk, l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida ta' l-BĊE hija meħtieġa biex tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2004/7 tat-22 ta' April 2004 li tistabbilixxi t-termini l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' l-ishma kapitali tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital⁽²⁾ imħallas b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007.
- (2) Il-Bulgarian National Bank u l-Banca Națională a României mhux se jissieħbu fis-SEBĊ sa l-1 ta' Jannar 2007, li jfisser li t-trasferimenti ta' l-ishma kapitali skond l-Artikolu 28.5 ta' l-Istatut ma japplikax għalihom f'din l-okkażjoni.
- (3) Id-Deċiżjoni BĊE/2006/22 tal-15 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti⁽³⁾ tiddetermina kif u safejn il-BĊNi ta' l-Istati Membri li adottaw l-euro (minn issa 'l quddiem il- "BĊNi parteċipanti") huma obbligati jħallsu l-kapital tal-BĊE minħabba l-iskema kapitali mkabbra. Id-Deċiżjoni BĊE/2006/26 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-
- (4) Il-BĊNi parteċipanti, bl-eċċezzjoni tal-Banka Slovenije, diġa' ħallsu l-ishma tagħhom fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif meħtieġ skond id-Deċiżjoni BĊE/2004/6 tat-22 ta' April 2004, li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali mhux parteċipanti⁽⁵⁾. Minħabba f'hekk, l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2006/22 jgħid li BĊN parteċipanti għandu jew jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew jirċievi ammont lura mill-BĊE, kif jixraq, sabiex jaslu għall-ammonti murija fit-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/22.
- (5) Barra minn dan, l-Artikolu 2(1) u 2(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2006/30 tat-30 ta' Diċembru 2006 dwar il-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' l-assi ta' riżerva barranin u l-kontribuzzjoni tal-Banka Slovenije lir-riżervi u d-dispożizzjonijiet⁽⁶⁾ tal-Bank Ċentrali Ewropew jistabbilixxi li l-Banka Slovenije, li se jkun BĊN parteċipanti mill-1 ta' Jannar 2007, huwa obligat biex iħallas il-kumpliment tas-sehem tas-sottoskrizzjoni tiegħu fil-kapital tal-BĊE sabiex jasal għall-ammont muri ħdejn ismu fit-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/22, wara li titqies l-iskema kapitali mkabbra.
- (6) Bl-istess mod, il-BĊNi mhux parteċipanti, bl-eċċezzjoni tal-Bulgarian National Bank u l-Banca Națională a României, diġa' ħallsu l-ishma tagħhom fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif meħtieġ skond id-Deċiżjoni BĊE/2004/10 tat-23 ta' April 2004, li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali mhux parteċipanti⁽⁷⁾. Minħabba dan, l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2006/26 jgħid li kull wieħed minnhom għandu jew jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew jirċievi ammont lura mill-BĊE, kif jixraq, biex jaslu għall-ammonti murija fit-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/26. L-Artikolu 2(2) tad-

⁽¹⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.⁽²⁾ ĠU L 205, 9.6.2004, p. 9.⁽³⁾ Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.⁽⁴⁾ Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.⁽⁵⁾ ĠU L 205, 9.6.2004, p. 7.⁽⁶⁾ Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.⁽⁷⁾ ĠU L 205, 9.6.2004, p. 19.

Deċiżjoni BĊE/2006/26 jgħid li l-Bulgarian National Bank u l-Banca Națională a României għandhom jittrasferixxu lill-BĊE l-ammont muri ħdejn isimhom fit-tabella fl-Artikolu 1 ta' l-istess Deċiżjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Trasferiment ta' ishma kapitali

Minħabba s-sehem fil-kapital tal-BĊE li kull BĊN, bl-eċċezzjoni tal-Bulgarian National Bank u l-Banca Națională a României, ikun issottoskritta fil-31 ta' Diċembru 2006, u s-sehem fil-kapital tal-BĊE li kull wieħed minn dawn il-BĊNi se jissottoskrivi b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, b'ħala konsegwenza ta' l-aġġustament ta' l-ippeżar ta' l-iskema kapitali stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/21, dawn il-BĊNi għandhom jittrasferixxu ishma kapitali bejniethom permezz ta' trasferimenti lil u mill-BĊE biex jiżguraw li d-distribuzzjoni ta' l-ishma kapitali b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, tikkorrispondi ma' l-ippeżar aġġustat. Għal dan il-għan, kull wieħed minn dawn il-BĊNi għandu, bis-saħħa ta' dan l-Artikolu u mingħajr il-ħtieġa ta' aktar formalità jew xi att, jew jittrasferixxi jew jirċievi b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, is-sehem fil-kapital sottoskritta tal-BĊE muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandu jirreferi għal sehem kapitali li l-BĊE għandu jittrasferixxi lil-BĊN u "-" għal sehem kapitali li l-BĊN għandu jittrasferixxi lill-BĊE.

Artikolu 2

Aġġustament tal-kapital imħallas

1. Minħabba l-ammont ta' kapital tal-BĊE li kull BĊN ħallas, jekk hemm, u l-ammont tal-kapital tal-BĊE li kull BĊN għandu jħallas b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, skond l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/22 għall-BĊNi parteċipanti u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/26 għall-BĊNi mhux parteċipanti rispettivament, fl-ewwel ġurnata operattiva tas-sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer* ("TARGET") wara l-1 ta' Jannar 2007, kull BĊN għandu jew jittrasferixxi jew jirċievi l-ammont nett muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness II ma' din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandu jirreferi għal ammont li l-BĊN għandu jittrasferixxi lill-BĊE u "-" għal ammont li l-BĊE għandu jittrasferixxi lil dak il-BĊN.

2. Fl-ewwel ġurnata operattiva tat-TARGET wara l-1 ta' Jannar 2007, il-BĊE u l-BĊNi li huma obbligati biex jittrasferixxu

ammont taħt paragrafu 1 għandom kull wieħed minnhom separatament jittrasferixxu kull interess fuq l-ammonti dovuti rispettivi li jakkumulaw fuq il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007, sad-data tat-trasferiment. Min jittrasferixxi u min jirċievi ta' dan l-imgħax għandhom ikunu l-istess bħal min jittrasferixxi u min jirċievi ta' l-ammonti li fuqhom l-imgħax jakkumula.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. It-trasferimenti deskritti fl-Artikolu 2 għandhom isehhu permezz tat-TARGET.

2. Meta xi BĊN m'għandux aċċess għat-TARGET, l-ammonti deskritti fl-Artikolu 2 għandhom ikunu ttrasferiti billi jiġu kkreditati kont li l-BĊE jew il-BĊN għandhom jinnominaw fi żmien xieraq.

3. Kull imgħax li jakkumula skond l-Artikolu 2(2) għandu jkun ikkalkulat kuljum, bl-użu tal-metodu ta' kalkulazzjoni attwali bil-metodu matul-360-jum, b'rata ugwali għar-rata ta' l-imgħax marġinali użata mis-SEBĊ fl-operazzjoni ta' finanzjament mill-ġdid l-aktar riċenti tagħha.

4. Il-BĊE u l-BĊNi li għandhom l-obbligu li jagħmlu trasferiment skond l-Artikolu 2 għandhom, sadanittant, jagħtu l-istruzzjonijiet meħtieġa biex iwettqu dan it-trasferiment fil-ħin kif meħtieġ.

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet finali

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

2. Din id-Deċiżjoni BĊE/2004/7 qed tiġi hawnhekk abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni BĊE/2004/7 għandhom jiġu interpretati b'ħala referenzi magħmulin għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 15 ta' Diċembru 2006.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

ANNEX I

KAPITAL IMĦALLAS TAL-BĊNI

| | Sehem imħallas fil-31 ta' Diċembru 2006 (EUR) | Sehem imħallas b'effett mill-1 ta' Jannar 2007 (EUR) | Sehem biex jiġi ttrasferit (EUR) |
|--|--|--|-------------------------------------|
| <i>BĊN parteċipanti</i> | | | |
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 141 910 195,14 | 142 334 199,56 | + 424 004,42 |
| Deutsche Bundesbank | 1 176 170 750,76 | 1 182 149 240,19 | + 5 978 489,43 |
| Bank of Greece | 105 584 034,30 | 104 659 532,85 | - 924 501,45 |
| Banco de España | 432 697 551,32 | 434 917 735,09 | + 2 220 183,77 |
| Banque de France | 827 533 093,09 | 828 813 864,42 | + 1 280 771,33 |
| Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 51 300 685,79 | 51 183 396,60 | - 117 289,19 |
| Banca d'Italia | 726 278 371,47 | 721 792 464,09 | - 4 485 907,38 |
| Banque centrale du Luxembourg | 8 725 401,38 | 9 073 027,53 | + 347 626,15 |
| De Nederlandsche Bank | 222 336 359,77 | 224 302 522,60 | + 1 966 162,83 |
| Oesterreichische Nationalbank | 115 745 120,34 | 116 128 991,78 | + 383 871,44 |
| Banco de Portugal | 98 233 106,22 | 98 720 300,22 | + 487 194,00 |
| Banka Slovenije | 18 613 818,63 | 18 399 523,77 | - 214 294,86 |
| Suomen Pankki | 71 711 892,59 | 71 708 601,11 | - 3 291,48 |
| <i>BĊN mhux parteċipanti</i> | | | |
| Bulgarian National Bank | 0 | 50 883 842,67 | Ma japplikax |
| Česká národní banka | 81 155 136,30 | 79 957 855,35 | - 1 197 280,95 |
| Danmarks Nationalbank | 87 159 414,42 | 87 204 756,07 | + 45 341,65 |
| Eesti Pank | 9 927 369,94 | 9 810 391,04 | - 116 978,90 |
| Central Bank of Cyprus | 7 234 070,02 | 7 195 054,85 | - 39 015,17 |
| Latvijas Banka | 16 571 585,02 | 16 204 715,21 | - 366 869,81 |
| Lietuvos bankas | 24 623 661,42 | 24 068 005,74 | - 555 655,68 |
| Magyar Nemzeti Bank | 77 259 867,83 | 75 700 733,22 | - 1 559 134,61 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 3 600 341,00 | 3 583 125,79 | - 17 215,21 |
| Narodowy Bank Polski | 285 912 705,92 | 280 820 283,32 | - 5 092 422,60 |
| Banca Națională a României | 0 | 145 099 312,72 | Not applicable |
| Národná banka Slovenska | 39 770 691,11 | 38 970 813,50 | - 799 877,61 |
| Sveriges Riksbank | 134 292 162,94 | 134 298 089,46 | + 5 926,52 |
| Bank of England | 800 321 860,47 | 802 672 023,82 | + 2 350 163,35 |
| Total ⁽¹⁾ : | 5 564 669 247,19 | 5 760 652 402,58 | 0 |

⁽¹⁾ Minħabba t-tqarrib, it-totali jistgħu ma jikkorrespondux mas-somma tal-figuri kollha murijin.

ANNEX II

KAPITAL IMĦALLAS TAL-BĊNI

| | Sehem imħallas fil- 31 ta' Diċembru 2006 (EUR) | Sehem imħallas b'effett mill-1 ta' Jannar 2007 (EUR) | Ammont ta' ħlas ta' tras- feriment (EUR) |
|--|--|--|--|
| <i>BĊN parteċipanti</i> | | | |
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 141 910 195,14 | 142 334 199,56 | + 424 004,42 |
| Deutsche Bundesbank | 1 176 170 750,76 | 1 182 149 240,19 | + 5 978 489,43 |
| Bank of Greece | 105 584 034,30 | 104 659 532,85 | - 924 501,45 |
| Banco de España | 432 697 551,32 | 434 917 735,09 | + 2 220 183,77 |
| Banque de France | 827 533 093,09 | 828 813 864,42 | + 1 280 771,33 |
| Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 51 300 685,79 | 51 183 396,60 | - 117 289,19 |
| Banca d'Italia | 726 278 371,47 | 721 792 464,09 | - 4 485 907,38 |
| Banque centrale du Luxembourg | 8 725 401,38 | 9 073 027,53 | + 347 626,15 |
| De Nederlandsche Bank | 222 336 359,77 | 224 302 522,60 | + 1 966 162,83 |
| Oesterreichische Nationalbank | 115 745 120,34 | 116 128 991,78 | + 383 871,44 |
| Banco de Portugal | 98 233 106,22 | 98 720 300,22 | + 487 194,00 |
| Banka Slovenije | 1 302 967,30 | 18 399 523,77 | + 17 096 556,47 |
| Suomen Pankki | 71 711 892,59 | 71 708 601,11 | - 3 291,48 |
| <i>BĊN mhux parteċipanti</i> | | | |
| Bulgarian National Bank | 0 | 3 561 868,99 | + 3 561 868,99 |
| Česká národní banka | 5 680 859,54 | 5 597 049,87 | - 83 809,67 |
| Danmarks Nationalbank | 6 101 159,01 | 6 104 332,92 | + 3 173,91 |
| Eesti Pank | 694 915,90 | 686 727,37 | - 8 188,53 |
| Central Bank of Cyprus | 506 384,90 | 503 653,84 | - 2 731,06 |
| Latvijas Banka | 1 160 010,95 | 1 134 330,06 | - 25 680,89 |
| Lietuvos bankas | 1 723 656,30 | 1 684 760,40 | - 38 895,90 |
| Magyar Nemzeti Bank | 5 408 190,75 | 5 299 051,33 | - 109 139,42 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 252 023,87 | 250 818,81 | - 1 205,06 |
| Narodowy Bank Polski | 20 013 889,41 | 19 657 419,83 | - 356 469,58 |
| Banca Națională a României | 0 | 10 156 951,89 | + 10 156 951,89 |
| Národná banka Slovenska | 2 783 948,38 | 2 727 956,95 | - 55 991,43 |
| Sveriges Riksbank | 9 400 451,41 | 9 400 866,26 | + 414,85 |
| Bank of England | 56 022 530,23 | 56 187 041,67 | + 164 511,44 |
| Total ⁽¹⁾ : | 4 089 277 550,12 | 4 127 136 230,00 | + 37 858 679,88 |

⁽¹⁾ Minħabba t-qarrab, it-totali jistgħu ma jikkorrespondux mas-somma tal-figuri kollha murijin.

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-15 ta' Diċembru 2006

li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-kontribuzzjoni lill-Bank Ċentrali Ewropew tal-valur propjetarju akkumulat u għall-aġġustament tal-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali ekwivalenti għall-assi tar-riżervi barranin ittrasferiti

(BĊE/2006/24)

(2007/45/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 30,

Billi:

- (1) Minħabba s-sħubija tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea u minħabba li l-BĊNi rispettivi tagħhom se jissieħbu fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Jannar 2007, id-Deċiżjoni BĊE/2006/21 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-iskema ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾ tistabbilixxi b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, l-ippeżar il-ġdid assenjat lil kull BĊN li se jkun membru tas-SEBĊ fl-1 ta' Jannar 2007, fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital imkabbar tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (minn issa 'l quddiem l-"ippeżar ta' l-iskema kapitali" u l-"iskema kapitali" rispettivament).
- (2) Għalhekk, il-klejms li l-BĊE ikkredita skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut lill-BĊNi ta' l-Istati Membri li adottaw l-euro (iktar 'il quddiem il-"BĊNi parteċipanti"), li huma ekwivalenti għall-kontribuzzjonijiet ta' assi ta' riżervi barranin tal-BĊNi parteċipanti lill-BĊE (iktar 'il quddiem il-"kejms") għandhom bżonn jiġu aġġustati. Dawk il-BĊNi parteċipanti li l-klejms tagħhom jiżdiedu minħabba t-tkabbir ta' l-iskema kapitali fl-1 ta' Jannar 2007 għandhom għalhekk jagħmlu trasferiment kumpensatorju lill-BĊE, waqt li l-BĊE għandu jagħmel trasferiment kumpensatorju lil dawk il-BĊNi parteċipanti li l-klejms tagħhom jonqsu minħabba dan it-tkabbir.
- (3) Il-limitu fuq l-ammont ta' assi ta' riżervi barranin li jistgħu jiġu ttrasferiti lill-BĊE ikun ekwivalent għal EUR 57 606 524 025,77 b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.
- (4) Skond il-prinċipji ġenerali tal-ġustizzja, trattament ugwali u l-protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi fl-Istatut, dawk il-BĊNi parteċipanti li s-sehem relattiv fil-valur propjetarju akkumulat tal-BĊE jiżdied minħabba l-aġġustamenti fuq imsemmijin għandhom jagħmlu trasferiment kumpensatorju wkoll lil dawk il-BĊNi parteċipanti li s-sehem relattiv tagħhom jonqsu.
- (5) L-ippeżar ta' l-iskema kapitali rispettiva ta' kull BĊN parteċipant sal-31 ta' Diċembru 2006 u b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007 għandu jkun espress bħala persentaġġ tal-kapital totali tal-BĊE kif sottoskrit mill-BĊNi parteċipanti kollha għall-iskop tal-kalkolazzjoni tal-valur ta' l-aġġustament ta' kull sehem ta' BĊN parteċipant fil-valur propjetarju akkumulat tal-BĊE.
- (6) Għalhekk, l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-BĊE hija meħtieġa biex tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2003/21 tat-18 ta' Diċembru 2003 li tippreskrivi miżuri meħtieġa għall-kontribuzzjoni tar-riżervi tal-BĊE u dispożizzjonijiet għall-aġġustament tal-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali ekwivalenti għall-assi ta' riżervi barranin ttrasferiti ⁽²⁾ u d-Deċiżjoni BĊE/2004/8 tat-22 ta' April 2004 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-kontribuzzjoni għall-valur propjetarju akkumulat tal-Bank Ċentrali Ewropew, għall-aġġustament tal-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali ekwivalenti għall-assi ta' riżervi barranin ittrasferiti, u għal kwistjonijiet finanzjarji relatati ⁽³⁾.
- (7) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/KE tal-11 ta' Lulju 2006 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat fuq l-adozzjoni mis-Slovenja tal-valuta waħda fl-1 ta' Jannar 2007 ⁽⁴⁾, id-deroga favur is-Slovenja msemmija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 ⁽⁵⁾ huwa abrogat b'effett mill-1 ta' Jannar 2007,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

- (a) "valur propjetarju akkumulat" ifisser it-total tar-riżervi tal-BĊE, kontijiet ta' rivalutazzjoni u dispożizzjonijiet ekwivalenti għar-riżervi kif ikkalkulati mill-BĊE sa l-31 ta' Diċembru 2006. Ir-riżervi tal-BĊE u dawk id-dispożizzjonijiet ekwivalenti għar-riżervi għandhom jinkludu, mingħajr limitazzjoni għall-ġeneralità tal-"valur propjetarju akkumulat", il-fond tar-riżerva ġenerali u d-dispożizzjoni

⁽¹⁾ ĠU L 9, 15.1.2004, p. 36.⁽²⁾ ĠU L 205, 9.6.2004, p. 13.⁽³⁾ ĠU L 195, 15.7.2006, p. 25.⁽⁴⁾ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.⁽⁵⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ekwivalenti għar-riżervi għar-rata tal-kambju barrani, u r-riskji tar-rata ta' l-imgħax u l-prezz tad-deheb;

(b) "data tat-trasferiment" tfisser it-tieni jum ta' negozju wara l-approvazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-kontijiet finanzjarji tal-BĊE għas-sena finanzjarja 2006;

(ċ) "dħul tal-BĊE minn karti tal-flus euro" ifsser l-istess bħal "dħul tal-BĊE minn karti tal-flus fiċ-ċirkulazzjoni" kif imfisser fl-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2005/11 tas-17 ta' Novembru 2005 fuq it-tqassim ta' dħul tal-Bank Ċentrali Ewropew fuq karti tal-flus euro fiċ-ċirkulazzjoni lill-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw ⁽¹⁾.

Artikolu 2

Kontribuzzjoni lir-riżervi u d-dispożizzjonijiet tal-BĊE

1. Jekk sehem ta' BĊN fil-valur proprjetarju akkumulat jizjed minħabba żieda fl-ippeżar fl-iskema kapitali b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007, dak il-BĊN parteċipanti għandu jittrasferixxi l-ammont determinat bis-saħħa tal-paragrafu 3 lill-BĊE fid-data tat-trasferiment.

2. Jekk sehem ta' BĊN fil-valur proprjetarju akkumulat jonqos minħabba tnaqqis fl-ippeżar fl-iskema kapitali b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007, dak il-BĊN parteċipanti għandu jirċievi l-ammont determinat bis-saħħa tal-paragrafu 3 lill-BĊE fid-data tat-trasferiment.

3. Il-BĊE għandu, fil- jew qabel il-ġurnata meta l-Kunsill Governattiv japprova l-kontijiet finanzjarji tal-BĊE għas-sena finanzjarja 2006, jikkalkula u jikkonferma lil kull BĊN parteċipant jew l-ammont li għandu jiġi ttrasferit minn dak il-BĊN parteċipanti lill-BĊE meta japplika l-paragrafu 1, jew l-ammont li l-BĊN parteċipanti għandu jirċievi mill-BĊE meta japplika l-paragrafu 2. Bla ħsara għat-tqarrib, kull ammont li għandu jiġi ttrasferit jew irċevut għandu jkun ikkalkolat bil-multiplikazzjoni tal-valur proprjetarju akkumulat bid-differenza assoluta bejn kull skema ta' ippeżar ta' l-iskema kapitali tal-BĊN fil-31 ta' Diċembru 2006 u l-ippeżar ta' l-iskema kapitali tiegħu b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007 u r-riżultat jiġi diviż b'100.

4. Kull ammont deskritt fil-paragrafu 3 għandu jkun dovut feuro fl-1 ta' Jannar 2007 imma għandu jkun ttrasferit effettivament fid-data tat-trasferiment.

5. Fid-data tat-trasferiment, BĊN parteċipant jew il-BĊE li jkollu jittrasferixxi ammont skond il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandu jittrasferixxi wkoll separatament kull imgħax li jakkumula matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sad-data tat-trasferiment fuq kull ammont rispettiv dovut minn dan il-BĊN parteċipanti u l-BĊE. Min jittrasferixxi u min jirċievi dawn it-trasferimenti għandhom ikunu l-istess bħal min jittrasferixxi u min jirċievi l-ammonti li fuqhom jakkumula l-imgħax.

6. Jekk il-valur proprjetarju akkumulat huwa anqas minn zero, l-ammonti li għandhom jiġu ttrasferiti jew irċevuti skond il-paragrafu 3 u l-paragrafu 5 għandhom jitħallsu fid-direzzjonijiet opposti ta' daww speċifikati fil-paragrafu 3 u l-paragrafu 5.

Artikolu 3

Aġġustament tal-klejms ekwivalenti għall-assi ta' riżervi barranin ttrasferiti

1. Billi l-aġġustament tal-klejms ekwivalenti għall-assi ta' riżervi barranin ttrasferiti għall-Banka Slovenije ser ikun irregolat bid-Deċiżjoni BĊE/2006/30 tat-30 ta' Diċembru 2006 fuq il-kapital imħallas, it-trasferiment ta' l-assi tar-riżervi barranin u l-kontribuzzjoni tal-Banka Slovenije lir-riżervi u dispożizzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾, dan l-Artikolu għandu jirregola l-aġġustament tal-klejms ekwivalenti għall-assi ta' riżerva barranin ittrasferiti lill-BĊNi parteċipanti oħrajn.

2. Il-klejms tal-BĊNi parteċipanti għandhom ikunu aġġustati b'effett mill-1 ta' Jannar 2007 skond l-ippeżar aġġustat ta' l-iskema kapitali tagħhom. Il-valur tal-klejms BĊNi parteċipanti b'effett mill-1 ta' Jannar 2007 jidher fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Anness ta' din d-Deċiżjoni.

3. Għal dan il-għan, kull wieħed minn dawn il-BĊNi għandu, bis-saħħa ta' dan l-Artikolu u mingħajr il-ħtieġa ta' aktar formalita jew xi att, jew jittrasferixxi jew jirċievi b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, is-sehem fil-kapital sottoskritt tal-BĊE muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandu jirreferi għal sehem kapitali li l-BĊE għandu jittrasferixxi lil-BĊN u "-" għal sehem kapitali li l-BĊN għandu jittrasferixxi lill-BĊE.

4. Fl-ewwel jum ta' operazzjoni tat-*Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer system* ("TARGET") wara l-1 ta' Jannar 2007, kull BĊN parteċipant għandu jew jittrasferixxi jew jirċievi l-valur assolut ta' l-ammont (feuro) muri ħdejn ismu fir-raba' kolonna tat-tabella fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, fejn "+" għandu jirreferi għall-ammont li l-BĊN għandu jittrasferixxi lill-BĊE u "-" għal ammont li l-BĊE għandu jirtrasferixxi lill-BĊN parteċipanti.

5. Fl-ewwel ġurnata operattiva tat-TARGET wara l-1 ta' Jannar 2007, il-BĊE u l-BĊNi parteċipanti li huma obbligati li jittrasferixxu ammont taħt il-paragrafu 4 għandom kull wieħed minnhom separatament jittrasferixxu kull interess fuq l-ammonti dovuti rispettivi li jakkumulaw fuq il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007, sad-data tat-trasferiment. Min jittrasferixxi u min jirċievi dan l-imgħax għandhom ikunu l-istess bħal min jittrasferixxi u min jirċievi ta' l-ammonti li fuqhom jakkumula l-imgħax .

⁽¹⁾ ĠU L 311, 26.11.2005, p. 41.

⁽²⁾ Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 4***Dispożizzjonijiet Ġenerali**

1. L-imgħax li jakkumula skond il-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 2 u l-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 3 għandu jkun kkalkulat fuq bażi ta' kuljum, bl-użu tal-metodu ta' kalkolu ta' matul 360-jum, b'rata daqs ir-rata ta' imgħax marġinali użata mis-SEBĊ fl-operazzjoni l-aktar riċenti ta' rfinanzjament ewlieni.
2. Kull trasferiment bis-saħħa tal-paragrafi 1, 2 u 5 ta' l-Artikolu 2 u l-paragrafi 4 u 5 ta' Artikolu 3 għandu jsir b'mod separat permezz tat-TARGET.
3. Il-BĊE u l-BĊNi parteċipanti li huma taħt obbligu li jagħmlu kull trasferiment msemmi fil-paragrafu 2 għandhom, eventwalment, jagħtu l-istruzzjonijiet meħtieġa biex jagħmlu dawn it-trasferimenti fil-ħin.

*Artikolu 5***Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.
2. Id-Deċiżjonijiet BĊE/2003/21 u BĊE/2004/8 huma b'dan imħassrin b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.
3. Referenzi għad-Deċiżjonijiet BĊE/2003/21 u BĊE/2004/8 għandhom jiftehmu li huma referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Frankfurt am Main, il-15 ta' Diċembru 2006.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

ANNEX

KLEJMS EKWIVALENTI GĦALL-ASSI TAR-RIŻERVI BARRANIN ITTRASFERITI LILL- BĊE

| BĊN parteċipant | Klejms ekwivalenti għall-assi tar-riżervi barranin ittrasferiti lill-BĊE, fil- 31 ta' Diċembru 2006 (EUR) | Klejms ekwivalenti għall-assi tar-riżervi barranin ittrasferiti lill-BĊE, b'seħħ mill- 1 ta' Jannar 2007 (EUR) | Ammont ta' trasferiment (EUR) |
|--|---|--|-------------------------------|
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 1 419 101 951,42 | 1 423 341 995,63 | + 4 240 044,21 |
| Deutsche Bundesbank | 11 761 707 507,63 | 11 821 492 401,85 | + 59 784 894,22 |
| Bank of Greece | 1 055 840 342,96 | 1 046 595 328,50 | - 9 245 014,46 |
| Banco de España | 4 326 975 513,23 | 4 349 177 350,90 | + 22 201 837,67 |
| Banque de France | 8 275 330 930,88 | 8 288 138 644,21 | + 12 807 713,33 |
| Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 513 006 857,90 | 511 833 965,97 | - 1 172 891,93 |
| Banca d'Italia | 7 262 783 714,66 | 7 217 924 640,86 | - 44 859 073,80 |
| Banque centrale du Luxembourg | 87 254 013,80 | 90 730 275,34 | + 3 476 261,54 |
| De Nederlandsche Bank | 2 223 363 597,71 | 2 243 025 225,99 | + 19 661 628,28 |
| Oesterreichische Nationalbank | 1 157 451 203,42 | 1 161 289 917,84 | + 3 838 714,42 |
| Banco de Portugal | 982 331 062,21 | 987 203 002,23 | + 4 871 940,02 |
| Banka Slovenije | 0 | 183 995 237,74 ⁽¹⁾ | + 183 995 237,74 |
| Suomen Pankki | 717 118 925,89 | 717 086 011,07 | - 32 914,82 |
| Total ⁽²⁾ : | 39 782 265 621,70 | 40 041 833 998,13 | + 259 568 376,43 |

⁽¹⁾ Jiġi ttrasferit b'seħħ mid-data stabbilita fid-Deċiżjoni BĊE/2006/30.

⁽²⁾ Minħabba tqarrib, it-totali jistgħu ma jikkorrispondux mas-somma tal-figuri kollha murijin.

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tal-15 ta' Diċembru 2006****li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2001/15 dwar il-ħruġ ta' karti ta' flus euro****(BĊE/2006/25)****(2007/46/KE)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 106(1),

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 16,

Billi:

- (1) Minħabba s-sħubija tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea u minħabba li l-banek ċentrali nazzjonali rispettivi tagħhom (BĊNi) se jissieħbu fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Jannar 2007, id-Deċiżjoni BĊE/2006/21 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾ tistabbilixxi b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, l-ippeżar il-ġdid assenjat lil kull BĊN li se jkun membru tas-SEBĊ fl-1 ta' Jannar 2007, fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital imkabbar tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).
- (2) Skond l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/EC tal-11 ta' Lulju 2006, skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovenja tal-valuta waħda fl-1 ta' Jannar 2007 ⁽²⁾, id-deroga favur is-Slovenja msemmija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni 2003 ⁽³⁾ hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.
- (3) L-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus euro ⁽⁴⁾ jiddefinixxi l-"u jirreferi għall-Anness ma" dik id-Deċiżjoni, li jispeċifika l-iskema ta' allokkazzjoni ta' karti tal-flus

applikabli mill-1 ta' Mejju 2004. Minħabba li l-ippeżar ġdid ta' l-iskema kapitali se japplikaw mill-1 ta' Jannar 2007, u s-Slovenja se tadotta l-euro f'dik id-data, id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 għandha tiġi emendata sabiex tiġi ddeterminata l-iskema ta' allokkazzjoni ta' karti tal-flus li tapplika mill-1 ta' Jannar 2007,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1***Emenda tad-Deċiżjoni BĊE/2001/15**

Id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 hija emendata kif ġej:

1. Is-sentenza finali ta' l-Artikolu 1(d) hija sostitwita b'li ġej:
"L-Anness ma' din id-Deċiżjoni jispeċifika l-iskema ta' allokkazzjoni ta' karti tal-flus li tapplika mill-1 ta' Jannar 2007."
2. L-Anness mad-Deċiżjoni BĊE/2001/15 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2***Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Magħmula fi Frankfurt am Main, il-15 ta' Diċembru 2006.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.⁽²⁾ ĠU L 195, 15.7.2006, p. 25.⁽³⁾ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33.⁽⁴⁾ ĠU L 337, 20.12.2001, p. 52. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni BĊE/2004/9 (ĠU L 205, 9.6.2004, p. 17).

ANNEX

SKEMA TA' ALLOKAZZJONI TA' KARTI TAL-FLUS MILL-1 TA' JANNAR 2007

| | |
|--|------------|
| Bank Ċentrali Ewropew | 8,0000 % |
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 3,2705 % |
| Deutsche Bundesbank | 27,1610 % |
| Bank of Greece | 2,4045 % |
| Banco de España | 9,9925 % |
| Banque de France | 19,0430 % |
| Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 1,1760 % |
| Banca d'Italia | 16,5840 % |
| Banque centrale du Luxembourg | 0,2090 % |
| De Nederlandsche Bank | 5,1535 % |
| Oesterreichische Nationalbank | 2,6680 % |
| Banco de Portugal | 2,2680 % |
| Banka Slovenije | 0,4225 % |
| Suomen Pankki | 1,6475 % |
| Total | 100,0000 % |

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-18 ta' Diċembru 2006

li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali mhux parteċipanti

(BĊE/2006/26)

(2007/47/KE)

IL-KUNSILL ĠENERALI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 48,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni BĊE/2004/10 tat-23 ta' April 2004, li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali mhux parteċipanti⁽¹⁾, iddeterminat il-persentaġġ tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' l-Istati Membri li ma jkunux adottaw il-euro fl-1 ta' Mejju 2004, kellhom obbligazzjoni li jħallu fl-1 ta' Mejju 2004, bħala kontribuzzjoni ta' l-ispejjeż operattivi tal-BĊE.
- (2) Minħabba s-sħubija tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea u minħabba li l-BĊNi rispettivi tagħhom se jissieħbu fis-SEBĊ fl-1 ta' Jannar 2007, id-Deċiżjoni BĊE/2006/21 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-ishma ta' persentaġġ tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew⁽²⁾ tistabbilixxi b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, l-ippeżar il-ġdid assenjat lil kull BĊN li se jkun membru tas-SEBĊ fl-1 ta' Jannar 2007, fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital imkabbar tal-BĊE (minn issa "l quddiem l-ippeżar ta' l-iskema kapitali" u l-"iskema kapitali" rispettivament).
- (3) Il-kapital sottoskritt tal-BĊE se jkun EUR 5 760 652 402,58 b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.
- (4) L-iskema kapitali teħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-BĊE li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2004/10 b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, u li tiddetermina l-persentaġġ tal-kapital sottoskritt tal-BĊE li l-BĊNi ta' l-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-euro sa l-1 ta' Jannar 2007, (minn issa "l quddiem "il-BĊNi mhux parteċipanti") għandhom obbligazzjoni biex iħallsu b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

⁽¹⁾ ĠU L 205, 9.6.2004, p. 19.

⁽²⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

- (5) Minħabba l-Artikoli 3.5 u 6.6 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Gvernaturi tal-Bulgarian National Bank u tal-Banca Națională a României kellhom l-opportunità biex jissottomettu osservazzjonijiet dwar din id-Deċiżjoni qabel l-adozzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Daqs u forma ta' kapital imħallas

Kull BĊN mhux parteċipanti għandu jħallas 7 % tas-sottoskrizzjoni tiegħu għall-kapital tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Jannar 2007. Wara li jitqies l-ippeżar ta' l-iskema kapitali deskritta fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/21, kull BĊN mhux parteċipanti għandu jħallas b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, l-ammont muri ħdejn ismu fit-tabella li ġejja:

| BĊN mhux parteċipanti | (EUR) |
|----------------------------|---------------|
| Bulgarian National Bank | 3 561 868,99 |
| Česká národní banka | 5 597 049,87 |
| Danmarks Nationalbank | 6 104 332,92 |
| Eesti Pank | 686 727,37 |
| Central Bank of Cyprus | 503 653,84 |
| Latvijas Banka | 1 134 330,06 |
| Lietuvos bankas | 1 684 760,40 |
| Magyar Nemzeti Bank | 5 299 051,33 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 250 818,81 |
| Narodowy Bank Polski | 19 657 419,83 |
| Banca Națională a României | 10 156 951,89 |
| Národná banka Slovenska | 2 727 956,95 |
| Sveriges Riksbank | 9 400 866,26 |
| Bank of England | 56 187 041,67 |

*Artikolu 2***Aġġustament tal-kapital imħallas**

1. Minħabba li kull BĊN mhux parteċipanti, bl-eċċezzjoni tal-Bulgarian National Bank u l-Banca Națională a României, diġa ħallas 7 % tas-sehem tiegħu fil-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2006, skond id-Deċiżjoni BĊE/2004/10, kull wieħed minnhom, bl-eċċezzjoni tal-Bulgarian National Bank u l-Banca Națională a României, għandhom jew jittrasferixxu ammont addizzjonali lill-BĊE, jew jirċievu ammont lura mill-BĊE, kif jixraq, sabiex jaslu għall-ammonti murija fit-tabella fl-Artikolu 1.
2. Il-Bulgarian National Bank u l-Banca Națională a României għandhom jittrasferixxu lill-BĊE l-ammont muri ħdejn isimhom fit-tabella fl-Artikolu 1.
3. It-trasferimenti kollha skond dan l-Artikolu għandhom isiru skond id-Deċiżjoni BĊE/2006/23 tal-15 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' l-

ishma kapitali tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u għall-aġġustament tal-kapital imħallas ⁽¹⁾.

*Artikolu 3***Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.
2. Id-Deċiżjoni BĊE/2004/10 qed tiġi hawnhekk abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.
3. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni BĊE/2004/10 għandhom jiġu interpretati bħala referenzi magħmulin għal din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Diċembru 2006.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ Ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-30 ta' Diċembru 2006

dwar il-ħlas mill-Banka Slovenije tal-kapital, it-trasferiment ta' assi barranin ta' riżerva u l-kontribuzzjoni għar-riżervi u l-provvedimenti tal-Bank Ċentrali Ewropew

(BĊE/2006/30)

(2007/48/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikoli 30.1, 30.3, 49.1 u 49.2,

Billi:

- (1) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/KE tal-11 ta' Lulju 2006, skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovenja tal-munita waħdanija fl-1 ta' Jannar 2007 ⁽¹⁾, is-Slovenja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga skond l-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ⁽²⁾ se tkun rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.
- (2) L-Artikolu 49.1 ta' l-Istatut jipprovdi li l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' xi Stat Membru li d-deroga tiegħu tkun ġiet irrevokata għandhom iħallsu s-sehem tal-kapital sottokritt tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bl-istess mod li l-BĊNi ta' l-Istati Membri oħra parteċipanti. Il-BĊNi ta' l-Istati Membri parteċipanti eżistenti ħallsu bis-sħiħ s-sottoskrizzjonijiet tagħhom lill-BĊE ⁽³⁾. Il-piż tal-Banka Slovenije fl-iskema kapitali tal-BĊE hija 0,3194 %, skond l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2006/21 tal-15 ta' Diċembru 2006, dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽⁴⁾. Il-Banka Slovenije diġa' ħallas parti mis-sottoskrizzjoni tiegħu lill-kapital tal-BĊE, skond l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2004/10 tat-23 t'April 2004, li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali mhux parteċipanti ⁽⁵⁾. L-ammont li jifdal huwa għalhekk EUR 17 096 556,47, li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-kapital sottokritt tal-BĊE (EUR 5 760 652 402,58) mill-piż ta' l-iskema kapitali tal-Banka Slovenije (0,3194 %), imnaqqas is-sehem tas-sottoskrizzjoni tiegħu li diġa' ġie mħallas, għalhekk għandu jitqies it-tkabbir ta' l-iskema kapitali tal-BĊE bħala riżultat tal-Bulgarian National Bank u l-Banca Națională a României jissieħbu s-SEBĊ.
- (3) L-Artikolu 49.1, flimkien ma' l-Artikolu 30.1, ta' l-Istatut jipprovdi li l-BĊN ta' xi Stat Membru li d-deroga tiegħu tkun ġiet irrevokata għandu jittrasferixxi wkoll assi barranin ta' riżerva lill-BĊE. Skond l-Artikolu 49.1 ta' l-Istatut, is-somma biex tiġi ttrasferita hija ddeterminata bil-multiplikazzjoni tal-valur tal-euro b'rati tal-kambju kurrenti ta' l-assi barranin ta' riżerva li huma diġa' ttrasferiti lill-BĊE skond l-Artikolu 30.1 ta' l-Istatut, permezz tal-proporzjon bejn in-numru ta' ishma sottokritti mill-BĊN kkonċernat u n-numru ta' ishma mħallas diġa' mill-BĊNi ta' l-Istati Membri l-oħra parteċipanti. Meta jiġu ddeterminati l-“assi barranin ta' riżerva li huma diġa' ttrasferiti lill-BĊE skond l-Artikolu 30.1”, għandu jitqies l-aġġustament ta' l-iskema kapitali tal-BĊE fl-1 ta' Jannar 2004 ⁽⁶⁾, skond l-Artikolu 29.3 ta' l-Istatut, t-tkabbir ta' l-iskema kapitali tal-BĊE fl-1 ta' Mejju 2004 ⁽⁷⁾, skond l-Artikolu 49.3 ta' l-Istatut, u t-tkabbir ta' l-iskema kapitali tal-BĊE fl-1 ta' Jannar 2007, skond l-Artikolu 49.3 ta' l-Istatut ⁽⁸⁾. B'riżultat ta' dan, skond id-Deċiżjoni BĊE/2006/24 tal-15 ta' Diċembru 2006, li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-kontribuzzjoni tal-valur azzjonarju akkumulat tal-Bank Ċentrali Ewropew, għall-aġġustament tal-klejms tal-banek ċentrali nazzjonali ekwivalenti għall-assi barranin ta' riżerva ttrasferiti ⁽⁹⁾, l-ekwivalenti fil-euro ta' l-assi barranin ta' riżerva li huma diġa' ttrasferiti lill-BĊE skond l-Artikolu 30.1 ta' l-Istatut huwa EUR 41 514 271 945,60.
- (4) L-assi barranin ta' riżerva biex jiġu ttrasferiti mill-Banka Slovenije għandhom ikunu ddenominati f'dollari Amerikani u deheb.
- (5) L-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut jipprovdi li l-BĊE għandu jikkredita kull BĊN ta' xi Stat Membru parteċipanti bi klejm ekwivalenti għall-assi barranin ta' riżerva li dan ta' l-aħħar ikun ittrasferixxa lill-BĊE. Il-provvedimenti fir-rigward tad-denominazzjoni u r-remunerazzjoni tal-klejms li ġew diġa' kkreditati lill-BĊNi ta' l-Istati Membri parteċipanti eżistenti ⁽¹⁰⁾ għandhom japplikaw ukoll għad-denominazzjoni u r-remunerazzjoni tal-klejm tal-Banka Slovenije.

⁽¹⁾ ĠU L 195, 15.7.2006, p. 25.

⁽²⁾ Att li jitratta l-kundizzjonijiet tas-sħubija tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja u l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea hija stabbilita (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

⁽³⁾ Id-ċiżjoni BĊE/2004/6 (ĠU L 205, 9.6.2004, p. 7).

⁽⁴⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽⁵⁾ ĠU L 205, 9.6.2004, p. 19.

⁽⁶⁾ Deċiżjoni BĊE/2003/17 (ĠU L 9, 15.1.2004, p. 27).

⁽⁷⁾ Deċiżjoni BĊE/2004/5 (ĠU L 205, 9.6.2004, p. 5).

⁽⁸⁾ Għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽⁹⁾ Ara paġna 9 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽¹⁰⁾ Linja ta' Gwida BĊE/2000/15 (ĠU L 336, 30.12.2000, p. 114).

(6) L-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut jipprovdi li l-BĊN ta' xi Stat Membru li d-deroga tiegħu tkun ġiet irrevokata għandu jikkontribwixxi għar-riżervi tal-BĊE, għal dawk il-provvedimenti ekwivalenti għal riżervi, u għall-ammont li għad jonqos biex jiġi allokat għar-riżervi u l-provvedimenti li jikkorrispondu mal-bilanċ tal-kont tal-profitt u t-telf as at 31 Diċembru tas-sena qabel ir-revoka tad-deroga. L-ammont ta' din il-kontribuzzjoni huwa ddeterminat skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut.

(7) Skond l-Artikolu 3.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Gvernatur tal-Banka Slovenije ġie invitat jattendi l-laqgħa tal-Kunsill Governattiv li jadotta din id-Deċiżjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopjiet ta' din id-Deċiżjoni:

- “Stat Membru parteċipanti” tfisser Stat Membru li adotta l-euro;
- “flus kontanti” tfisser il-valuta legali ta' l-Istati Uniti (dollaru Amerikan);
- “deheb” tfisser uqijiet sħaħ fini (*fine troy ounces*) ta' deheb fil-forma ta' *London Good Delivery bars*, kif speċifikat mil-*London Bullion Market Association*;
- “assi barranin ta' riżerva” tfisser deheb jew flus kontanti.

Artikolu 2

Ħlas tal-kapital

1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2007, il-Banka Slovenije għandu jħallas il-kumpliment tas-sehem tas-sottoskrizzjoni tiegħu fil-kapital tal-BĊE, li jikkorrispondi ma' EUR 17 096 556,47.

2. Il-Banka Slovenije għandu jħallas dan l-ammont lill-BĊE fit-2 ta' Jannar 2007, permezz ta' trasferiment bis-sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET)*.

3. Il-Banka Slovenije għandu, permezz ta' trasferiment bit-TARGET separat, iħallas lill-BĊE fit-2 ta' Jannar 2007, l-imgħax li jiddekorri matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007, sat-2 ta' Jannar 2007, dwar l-ammont dovut lill-BĊE skond il-paragrafu 2.

4. Kull imgħax li jakkumula skond il-paragrafu 3 għandu jkun ikkalkulat kuljum, bl-użu tal-metodu ta' kalkolazzjoni *actual over-360-day*, b'rata daqs ir-rata ta' imgħax marġinali wżata mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid l-aktar riċenti tagħha.

Artikolu 3

Trasferiment ta' assi barranin ta' riżerva

1. Il-Banka Slovenije għandu jittrasferixxi lill-BĊE, b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, u skond dan l-Artikolu u l-arranġamenti magħmula li jsegwu, ammont ta' assi barranin ta' riżerva ddenominati f'dollari Amerikani u deheb li huma ekwivalenti għal EUR 191 641 809,33, kif ġej:

| Ammont ta' dollari Amerikani ekwivalenti għall-euro | Ammont ta' deheb ekwivalenti għall-euro | Ammont aggregat ekwivalenti għall-euro |
|---|---|--|
| 162 895 537,93 | 28 746 271,40 | 191 641 809,33 |

2. L-ammonti ekwivalenti għall-euro ta' assi barranin ta' riżerva biex jiġu ttrasferiti mill-Banka Slovenije skond il-paragrafu 1 għandhom ikunu kkalkulati skond ir-rati tal-kambju bejn il-euro u d-dollaru Amerikan stabbiliti bħala r-riżultat tal-proċedura ta' konsultazzjoni bil-miktub ta' 24-siegħa fid-29 ta' Diċembru 2006 bejn dawk il-banek ċentrali li jipparteċipaw f'dik il-proċedura u, fil-każ tad-deheb, skond il-prezz tad-deheb f'dollari Amerikani għal kull uqija sħiħa fina (*fine troy ounce*) stabbilit fl-iffissar tal-prezz tad-deheb ġewwa Londra (*London gold fixing*) fl-10.30 a.m., ħin ta' Londra, fid-29 ta' Diċembru 2006.

3. Il-BĊE għandu jikkonferma lill-Banka Slovenije kemm jista' jkun malajr l-ammonti kkalkulati skond il-paragrafu 2.

4. Il-Banka Slovenije għandu jittrasferixxi flus kontanti lill-BĊE għal dawk il-kontijiet kif inhuma speċifikati mill-BĊE. Id-data ta' ħlas għall-flus kontanti biex jiġu ttrasferiti lill-BĊE hija it-2 Jannar 2007. Il-Banka Slovenije għandu jagħti struzzjonijiet għat-trasferiment ta' flus kontanti lill-BĊE fid-data ta' ħlas.

5. Il-Banka Slovenije għandu jittrasferixxi d-deheb f'dawk id-dati, lil dawk il-kontijiet u f'dawk is-siti kif inhuma speċifikati mill-BĊE.

6. Id-differenza, jekk ikun hemm, bejn l-ammont aggregat ekwivalenti għall-euro imsemmi fil-paragrafu 1 u l-ammont imsemmi fl-Artikolu 4(1) għandha tiġi miftiehma skond il-Ftehim tat-30 ta' Diċembru 2006, bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Banka Slovenije fir-rigward tal-klejm kkreditata lill-Banka Slovenije mill-Bank Ċentrali Ewropew skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (1).

Artikolu 4

Denominazzjoni, remunerazzjoni u maturita' tal-klejm ekwivalenti għall-kontribuzzjoni tal-Banka Slovenije

1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2007, u skond l-ispeċifikazzjonijiet fl-Artikolu 3 fir-rigward tad-dati ta' ħlas tad-trasferimenti ta' assi barranin ta' riżerva, il-BĊE għandu jkkredita lill-Banka Slovenije bi klejm iddenominata fil-euro, ekwivalenti għall-ammont aggregat feuro tal-kontribuzzjoni tal-Banka Slovenije ta' assi barranin ta' riżerva, li jikkorrispondi għal EUR 183 995 237,74.

(1) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

2. Il-klejm ikkreditata mill-BĊE lill-Banka Slovenije għandha tkun innumerata. L-imgħax li jikkumula għandu jkun ikkalkulat kuljum, bl-użu tal-metodu ta' kalkulazzjoni *actual over-360-day*, b'rata ekwivalenti għal 85 % tar-rata ta' imgħax marġinali tar-rata ta' imgħax marġinali wżata mis-SEBĊ fl-operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid l-aktar riċenti tagħha.

3. Il-klejm għandha tkun innumerata fi tmiem kull sena finanzjarja. Kull tlett xhur il-BĊE għandu jinforma lill-Banka Slovenije bl-ammont kumulattiv.

4. Il-klejm m'għandhiex tkun tista' tinfeđa.

Artikolu 5

Kontribuzzjoni għar-riżervi u l-provvedimenti tal-BĊE

1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2007, u skond il-paragrafi 5 u 6 u l-Artikolu 3, il-Banka Slovenije għandu jikkontribwixxi għar-riżervi tal-BĊE, għal dawk il-provvedimenti ekwivalenti għal riżervi, u għall-ammont li jkun għad jonqsu biex jiġi allokat għar-riżervi u l-provvedimenti li jikkorrispondu mal-bilanċ tal-kont tal-profit u t-telf skond il-31 ta' Diċembru 2006.

2. L-ammont biex jiġi kkontribwit mill-Banka Slovenije għandu jkun iddeterminat skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut. Ir-referenzi fl-Artikolu 49.2 għan-numru "ta' ishma sottoskritti mill-bank ċentrali kkonċernat" u "n-numru ta' ishma diġa' mħallsa mill-banek ċentrali l-oħra" għandhom jirreferu għall-piżizzjiet tal-Banka Slovenije u l-BĊNi ta' l-Istati Membri parteċipanti eżistenti, rispettivament, fl-iskema kapitali tal-BĊE, skond id-Deċiżjoni BĊE/2006/21.

3. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, "ir-riżervi tal-BĊE" u "il-provvedimenti ekwivalenti għal riżervi" għandhom jinkludu, *inter alia*, il-fond ta' riżerva ġenerali tal-BĊE, il-bilanċi dwar kontijiet ta' rivalutazzjoni u provvedimenti għar-rata tal-kambju fi flus barranin, riskji tar-rata ta' l-imgħax u l-prezzijiet tad-deheb.

4. Mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara l-approvazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-kontijiet annwali tal-BĊE għas-sena 2006, il-BĊE għandu jikkalkula u jikkonferma lill-Banka Slovenije l-ammont biex jiġi kkontribwit mill-Banka Slovenije skond il-paragrafu 1.

5. Fit-tieni jum ta' xogħol wara l-approvazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-kontijiet annwali tal-BĊE għas-sena 2006, il-Banka Slovenije għandu, permezz ta' żewġ trasferimenti separati tat-TARGET, iħallas lill-BĊE

(a) l-ammont dovut lill-BĊE skond il-paragrafu 4; u

(b) l-imgħax li jiddekorri matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007, sa dik id-data, fuq l-ammont dovut lill-BĊE skond il-paragrafu 4.

6. Kwalunkwe imgħax li jiddekorri skond il-paragrafu 5 b) għandu jkun ikkalkulat kuljum, bl-użu tal-metodu ta' kalkulazzjoni *actual over-360-day*, b'rata daqs ir-rata ta' imgħax marġinali wżata mis-SEBĊ f'waħda minn dawk l-operazzjoni prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid l-aktar riċenti.

Artikolu 6

Dispożizzjoni finali

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 30 ta' Diċembru 2006.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET